**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Carmel Axiaq

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**Pensjoni - Sigurtà Soċjali - Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet appell fuq kwantifikazzjoni ta' pensjoni billi sabet li kienet korretta d-deċiżjoni ta' l-Arbitru li ġiet appellata fis-sens li skond l-emenda in dizamina fil-kalkolu tad-dħul pensjonabbli ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni dħul ta' aktar minn Lm6750 fis-sena u li l-emenda tapplika għall-każ odjern billi daħlet in vigore qabel ma l-appellant irtira.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Carmel Axiaq li bih espona:

"Illi dan hu appell mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April, 1997 mill-Arbitru maħtur taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li minnha r-rikorrent iħoss ruħu aggravat;

Illi l-Arbitru kien iddeċieda illi l-appellant ma kienx intitolat għall-pensjoni massima u dana billi llimita d-dħul tas-

snin 1993, 1994 u 1995 u naqqashom sa Lm6,750 u dukkjara li kien intitolat għall-pensjoni ta' Lm76.48,2 flok dik massima ta' Lm78.85,0;

Illi l-fatti fil-qosor huma dawn li ġejjin:

Illi matul l-aħħar għaxar snin kalendarji, li fuqhom jinħadem id-dħul pensjonabbli, l-esponent kellu snin bi dħul baxx u tliet snin bi dħul ogħla minn Lm6,750;

Illi l-ammont ta' Lm6,750 stipulat bl-Avviż Legali (A.L.) 17 ta' l-1987 jirreferi għad-dħul pensjonabbli, li skond l-Iskeda Tlettax huwa l-medja ta' għaxar snin kalendarji u mhux ta' sena jew snin partikolari;

Illi kemm id-Direttur u kemm l-Arbtiru mhux qed jagħtu interpretazzjoni ġusta tal-paragrafu (4) ta' l-Iskeda Tlettax għaliex qed jinjoraw l-importanza tal-kliem "id-dħul pensjonabbli riżultanti";

Illi l-motivi ta' l-aggravju ta' l-esponent huma:

L-Iskeda Tlettax tgħid kif għandu jiġi kkalkolat id-dħul pensjonabbli:

Sal-5 ta' Jannar, 1996, dak ta' persuna li għandha titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha kien il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħħar għaxar snin kalendarji;

Fis-6 ta' Jannar, 1996, bl-emenda ta' l-Att XXI ta' l-1996, daħlet distinzjoni bejn persuna li timpjega lilha nnifisha u persuna li taħdem għaliha nnifisha però l-metodu tal-kalkolu

baqa' l-istess u fuq dan m'hemmx kontestazzjoni;

Ġara però li bl-Att XXVII ta' l-1995, li ukoll daħal fis-seħħ fis-6 ta' Jannar, 1996, daħlet emenda li tgħid li għall-finijiet tal-kalkolu, il-kliem "dħul pensjonabbli" ġew sostitwiti bil-kliem "il-paga jew salarju bażiku" skond il-każ u d-dħul pensjonabbli riżultanti;

Bil-fuq imsemmi Att XXI ta' l-1996, ukoll b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1996, il-paragrafu (4) reġa' ġie emendat, però kif ġà ntqal, fuq dan m'hemmx kontestazzjoni;

Sal-5 ta' Jannar, 1996, id-dħul pensjonabbli kien il-medja tad-dħul nett ta' għaxar snin mingħajr ebda limitu fuq xi sena individwali, basta li l-medja ma taqbiżx is-somma ta' Lm6,750. Peress li l-esponent irtira f'Lulju, 1996, l-għaxar snin kalendarji għalqu fil-31 ta' Diċembru, 1995;

Fis-6 ta' Jannar, 1996, id-dħul nett għal kull sena u d-dħul pensjonabbli riżultanti sarilhom limitu ta' Lm6,750 stabbilit bl-A.L. 17 ta' l-1987;

Id-direttur qed isostni li mis-6 ta' Jannar, 1996, kull dħul jew kull qligħ nett għal kull sena li fuqha jinħadem id-dħul pensjonabbli m'għandux jaqbeż l-ammont ta' Lm6,750. Kieku din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur, dan ma kienx iżid il-kliem "dħul pensjonabbli riżultanti" għaliex medja ta' għaxar ammonti ta' Lm6,750 tibqa' dejjem Lm6,750;

Peress li l-esponent, fis-snin 1993, 1994 u 1995 kellu dħull nett ta' Lm7,405, Lm8,527 u Lm7,155, id-direttur qiegħed iniżżel dawn it-tlett ammonti għal Lm6,750 biex b'hekk il-medja fuq għaxar snin tiġi iżgħar;

Jiġi sottomess:

Illi peress li l-medja tinħadem fuq għaxar snin kalendarji u peress li l-esponent laħaq l-età ta' l-irtir fit-2 ta' Lulju, 1996 u għalhekk id-dħul pensjonabbli *nħadem fuq għaxar snin* li spiċċaw fil-31 ta' Diċembru, 1995, l-emenda ta' l-Att XXVII ta' l-1995 ma tapplikax għalih u għalhekk għandu jittieħed *aggregate* tad-dħul ta' l-aħħar għaxar snin li spiċċaw fil-31 ta' Diċembru, 1995 ammontanti għas-somma ta' Lm62,455 li diviża b'għaxra biex jinħadem l-*average*, iġib l-ammont ta' Lm6,245.50 li żewġ terzi tiegħu jissuperaw il-pensjoni massima ta' Lm78.85 fil-ġimgħa u *għalhekk l-appellant huwa intitolat* għal pensjoni massima;

*Illi* anke *kieku din kienet tapplika* għall-esponent, l-interpretazzjoni tagħha għandha tkun, minħabba l-kliem "dħul pensjonabbli riżultanti" li l-limitu ta' kull sena kellu jibda japplika mis-sena 1996 'il quddiem u billi l-perijodu ta' kif inħadmet *il-pensjoni* għalaq *fil-31* ta' *Diċembru, 1995, l*-emenda ma taffettwah xejn;

*Għal dawn ir-raġunijiet l-esponent jitlob bir-rispett lil din* l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April, 1997, mill-Arbitru fil-każ fl-ismijiet fuq *imsemmija* u minflok tilqa' t-talba tiegħu billi tordna lill-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali biex fi żmien qasir u perentorju jirrevedi l-kalkolu tal-pensjoni billi jieħu d-dħul nett tas-snin 1993, 1994 u 1995 u japplika l-limitu ta' Lm6,750 jekk *ikun il-każ, fuq il-medja riżultanti u b'hekk tordna lid-Direttur* tas-Sigurtà Soċjali jgħaddi lill-appellant pensjoni massima skond il-liġi u dana mid-data ta' meta rtira l-esponenti";

Rat ir-risposta ta' l-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali li biha espona:

"*Illi d-deċiżjoni arbitrali appellata hija ġusta u timmerita* konferma;

Illi huwa fatt inkontrovertibbli li l-emendi miġjuba bl-Att XXVII daħħlu fis-seħħ fis-6 ta' Jannar, 1996. L-appellat irtira mix-xogħol fit-2 ta' Lulju, 1996, u għalhekk l-argumenti kollha tiegħu li dan it-tibdil introdott b'dan l-Att ma japplikawx għalih huma bla fondament ġuridiku jew fattwali;

L-illoġiċità u l-bażi fallaċi ta' l-aggravji ta' l-appellant jirrisjedu fil-fatt li l-appellant qed jipprova jipperswadi lil din *il-Qorti li ġaladarba l-kalkolu tad-dħul* pensjonabbli hu bbażat fuq is-snin 1993, 1994 u 1995 u ċjoè sal-31 ta' Diċembru, 1995, kull emenda li saret bil-liġi wara din id-data ma tapplikax għalih. Dan huwa manifestament erronju għaliex id-data rilevanti ta' *meta l-esponent Direttur jibda* jagħmel il-komputazzjonijiet neċessarji biex tinħadem il-pensjoni hija d-data ta' l-irtir tal-benefiċjarju, data li dan ikun speċifika fl-applikazzjoni tiegħu lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

L-appellant irtira mix-xogħol fit-2 ta' Lulju, 1996. L-emenda tat-13-il Skeda saret bl-Att ta' l-1995, fuq imsemmi, u daħħlet fis-seħħ fis-6 ta' Jannar, 1996, u għalhekk qabel id-data *ta' l-irtir ta' l-appellant. Kif seta' l*-esponent *jinjora l*-volontà espressa u miktuba tal-leġislatur biex jaħdem il-pensjoni skond kif jifmuha l-konsulenti ta' l-appellant? L-Avviż Legali 17 ta' l-1987 jorbot lill-esponent li fil-kalkolazzjoni tad-dħul pensjonabbli ma jistax jeċċedi Lm6,750;

Illi hawn l-anqas biss tqum kwistjoni ta' retroattività billi, kif intqal, l-appellant irtira wara l-emendi applikabbli;

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jirriserva li jġib dawk il-provi ulterjuri permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett li din l-

Onorabbli Qorti jogħġobha żżomm ferma d-deċiżjoni ta' l-Arbitru appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant";

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fis-6 ta' Jannar, 1996, daħal *in vigore* l-artikolu 50 ta' l-Att XXVII ta' l-1995 li bih ġie emendat il-paragrafu (3) tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318, fis-sens li minflok il-kliem "id-dħul pensjonabbli" daħlu l-kliem "il-paga jew salarji bażiċi jew id-dħul nett skond il-każ u d-dħul pensjonabbli riżultanti";

Din l-emenda kellha bħala effett li, flok id-dħul pensjonabbli baqa' jiġi kkalkolat fuq il-medja tad-dħul nett ta' għaxar snin, mingħajr ebda limitu fuq xi sena individwali, basta li l-medja ma taqbiżx is-somma ta' Lm6,750, mis-6 ta' Jannar, 1996 anke l-paga, salarju jew dħul nett, ma jistgħux jeċċedu dik is-somma għall-finijiet tal-kalkolu;

L-interpretazzjoni li qed jagħti d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, u li ġiet ikkonfermata mill-Arbitru bid-deċiżjoni appellata, hija fis-sens l-emenda tapplika għall-appellant u li dawn is-snin rilevanti li fihom id-dħul ta' l-appellant kien *eċċedi s-somma ġà msemmija, dak id-dħul li jeċċedi s-somma* għandu jiġi ridott għas-somma stabbilita ta' Lm6,750;

L-ewwel argument dedott mill-appellant kontra l-interpretazzjoni mogħtija lill-emenda mid-Direttur tas-Sigurtà *Soċjali huwa li kieku l-intenzjoni tal-leġislatur kienet dik li*

jsostni l-appellat, il-leġislatur ma kienx iżid il-kliem "dħul pensjonabbli riżultanti", għaliex medja ta' għaxar ammonti ta' *Lm6750 tibqa' dejjem Lm6750*;

Ikkunsidrat dwar dan l-argument ta' l-appellant, li fil-*fehma tagħha m'hemmx dubbju li l-intenzjoni tal-leġislatur, kif* jirriżulta mid-diċitura ċara ta' l-emenda in diżamina, kienet dik li mhux biss jimponi l-limitu ta' Lm6750 fuq dak li *jikkostitwixxi* "dħul pensjonabbli riżultanti" għall-finijiet tat-tlettax-il skeda ta' l-Att imsemmi iżda li jimponi l-istess limitu ta' Lm6750 għal paga, salarju jew dħul nett ta' kull sena li fuqha jinħadem id-dħul pensjonabbli;

Huwa veru dak li argumenta l-appellant li aritmetikament għaxar snin ta' Lm6750 jagħtu ukoll medja fuq dak il-perijodu *ta' Lm6750, però, dan mhux hekk meta mhux is-snin kollha* rilevanti jkollhom dħul ta' Lm6750 iżda jkun hemm snin li fihom id-dħul ikun inqas għaliex meta jkun hekk, bħal mhu l-*każ proprju* ta' l-appellant, il-medja tad-dħul tirriżulta inqas u b'hekk id-dħul pensjonabbli jiġi inqas minn Lm6750 u l-pensjonant bħala konsegwenza ma jikkwalifikax għall-pensjoni massima;

Għalhekk dan l-argument ta' l-appellant ma jreġix;

It-tieni argument dedott mill-appellant huwa li *billi l-*medja msemmija tinħadem fuq għaxar snin kalendarji u l-appellant laħaq l-età li jirtira fit-2 ta' Lulju, 1996 u d-dħul pensjonabbli tiegħu nħadem *fuq l-għaxar snin* li *spiċċaw fil-31* ta' Diċembru, 1995 l-emenda in diżamina ma għandhiex tapplika għalih. Jiġi rrilevat li l-appellant mhux qed jivvanta xi dritt kweżit iżda qiegħed sempliċement jargumenta li ġaladarba s-snin rilevanti għall-kalkolu tal-medja pprecedew id-data li fiha daħlet l-emenda in vigore allura l-emenda m'għandhiex

tapplika għalih u l-limitu ta' kull sena mposta bl-emenda kellu jibda japplika mis-sena 1996 'il quddiem;

Din il-Qorti lanqas ma tara validu dan l-argument għaliex il-liġi stess ma għamlet ebda distinzjoni bejn is-snin li pprecedew l-emenda u dawk sussegwenti u lanqas ma saret xi eċċezzjoni għas-snin l-imgħoddija, u għalhekk, l-emenda għandha jkollha applikazzjoni immedjata mid-dħul tagħha in vigore b'mod illi kull min jirtira wara li daħlet l-emenda in vigore jikkwalifika għal pensjoni kalkolata skond id-disposizzjonijiet viġenti fid-data li jikkwalifika għall-pensjoni. Dik kienet il-liġi li kienet tirregola l-pensjoni li għaliha kien intitolat l-appellant fit-2 ta' Lulju, 1996. Huwa fatt li l-emenda laqtet negattivament lill-appellant billi telfitu l-possibbiltà li jieħu pensjoni massima li kien ikun intitolat għaliha kieku l-emenda ma kinitx tapplika għalih. Iżda l-fatt biss li l-emenda kellha dan l-effett negattiv ma jirrendihiex inapplikabbli għall-appellant. Dan lanqas mhu l-każ ta' tnaqqis f'pensjoni li kien ġà qed igawdi l-appellant, għaliex kif ġà ntqal, il-liġi ġiet emendata qabel ma l-appellant sar intitolat għall-pensjoni. L-appellant ma istitwix proċeduri biex jattakka l-validità tal-liġi fuq il-kawżali li din tivvjolalu xi dritt kweżit. L-emenda biddlet il-kriterji tal-kalkolu tad-dħul pensjonabbli mingħajr eċċezzjoni u għalhekk *mhix korretta l-interpretazzjoni li qed jagħti l-appellant* li billi s-snin rilevanti kienu għalqu l-kriterji dwar il-kalkolu fuq dawk is-snin ma setgħux japplikaw għalih. L-emenda biddlet il-kriterji għas-snin rilevanti u l-kriterji l-ġodda japplikaw għall-appellant li kkwalifika għall-pensjoni, kif ġà ntqal, sitt xhur wara li daħlet l-emenda *in vigore*;

Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appell mhux fondat billi kienet korretta d-deċiżjoni ta' l-Arbitru li ġiet appellata, fis-sens li skond l-emenda in diżamina fil-kalkolu tad-dħul pensjonabbli ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni dħul ta' aktar minn Lm6750 fis-sena u li l-emenda tapplika għall-każ odjern

billi daħlet *in vigore* qabel ma l-appellant irtira;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-aggravji dedotti mill-appellant u tiċħad għalhekk l-appell interpost minnu u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata ta' l-Arbitru (numru 49/97), mogħtija fl-ismijiet premessi fit-18 ta' April, 1997, bl-ispejjeż kontra l-appellant.